MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) GURISDIZZJONI INFERJURI

## MAGISTRAT DR. PAUL COPPINI

Seduta tas-17 ta' Mejju, 2006

Avviz Numru. 37/2004

HSBC Bank Malta plc .

vs

Emanuel Balzan u Maureen Balzan .

Il-Qorti ,

Rat l-avviż li permezz tiegħu s-soċjeta' attriċi talbet lill-konvenuti jgħidu għaliex m'għandhomx jiġu kkundannati li, prevja okkorrendo d-dikjarazzjoni illi l-konvenuti jinsabu debituri fil-konfront tas-soċjeta' attriċi fl-ammont komplessiv ta' elfejn ħames mija u tnejn u ħamsin lira maltija u sebgħa w erbgħin ċenteżmu (Lm 2552.47c) rappreżentanti kapital u interessi sempliċi kalkolati bit-tmienja fil-mija (8 %) fis-sena b'effett sal-5 ta' Ottubru 2004, fuq il-loan account numru 071168892300, u l-kont kurrenti 071168892002 jiġu kkundannati jħallsu dan l-ammont lis-soċjeta' attriċi, flimkien mal-interessi ulterjuri

fuq l-istess ammont mis-sitta (6) ta' Ottubru 2004 sad-data tal-pagament effettiv .

Bl-ispejjeż inklużi dawk tal-ittra uffiċċjali tal-15 ta' Lulju 2003 kontra tagħkom .

Bl-inġunzjoni għas-subizzjoni illi għaliha minn issa intom inġunti .

Rat ir-riferta pożittiva tal-konvenuta Maureen Balzan, kif ukoll dik tal-konvenut l-ieħor Emanuel Balzan li saret permezz tal-publikazzjoni .

Rat l-atti l-oħra kollha tal-kawża, inklużi l-verbali tax-xhieda mismugħa u d-dokumenti esebiti .

Ikkunsidrat :

Illi permezz ta' din il-kawża s-soċjeta' attriċi qed titlob mingħand il-konvenuti l-ħlas ta' flus mislufa lilhom flimkien ma' l-interessi relattivi fuq il-*loan account* u kont kurrenti ndikati fl-avviż . Dwar dan is-self xehed rappreżentant tal-Bank attur, Joseph Calleja, li kkonferma l-ammont dovut u li kienu responsabbli għalieh iż-żewġ konvenuti . Fil-konfront tal-konvenut Emanuel Balzan ġew ippreżentati kapitoli għas-subizzjoni tiegħu . Dawn ma ġewx kontestati u għalhekk skond il-liġi ġew kunsidrati bħala ammessi . Madankollu l-Qorti ma jidhriliex illi dan il-konvenut għandu jiġi tenut responsabbli waħdu għall-ammonti mitluba . Dan għaliex skond il-kuntratt ta' self esebit mir-rappreżentant tal-Bank[1], is-self kien ingħata liż-żewġ konvenuti flimkien, it-tnejn li huma ffirmaw għalieh u għalhekk, fin-nuqqas ta' prova kuntrarja għandhom ikunu t-tnejn li huma responsabbli indiviżament u *in solidum* għar-restituzzjoni ta' l-ammont kollu dovut .

Għal dawn il-motivi tiddeċidi l-kawża billi, tilqa' t-talba u tiddikjara lill-konvenuti debituri fil-konfront tas-soċjeta' attriċi fl-ammont komplessiv ta' elfejn ħames mija u tnejn u ħamsin lira maltija u sebgħa u erbgħin ċenteżmu

[1] A fol. 34 tal-process .

(Lm2552.47) rappreżentanti kapital u interessi sempliċi kkalkolati bit-tmienja fil-mija (8%) fis-sena, b'effett sal-5 ta' Ottubru 2004, fuq il-*loan account* indikat fl-avviż u l-kont kurrenti hemmhekk imsemmi wkoll, u konsegwentement tikkundannahom *in solidum* bejniethom sabiex iħallsu dan l-ammont lis-soċjeta' attriċi, flimkien ma' l-interessi ulterjuri fuq l-istess ammont mis-6 ta' Ottubru 2004 sad-data tal-pagament effettiv .

Bl-ispejjeż, inklużi dawk ta' l-ittra uffiċċjali tal-15 ta' Lulju 2003 kontra l-istess konvenuti .

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------